MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 88/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**Vs.**

**-OMISSIS-**
**MATTHEW PACE**
**MANWEL SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom **- omissis -, Matthew Pace** ta’ 17 il-sena, iben Jack u Rita nee’ Gatt, imwieled Valletta fil-5 ta’ April 1988 u li joqghod fil-fond Nru. 58, Fuq Verdala, Cospicua. Karta ta’ l-Identita Nru. 175288M u **Manwel Spiteri** ta’ 17 il-sena, iben Lawrence u Abigail nee’ Hunt, imwieled Pieta fis-16 ta’ Frar 1988 u li

joqghod fil-fond Nru. 9, Fuq Verdala, Cospicua. Karta ta’ l-Identita Nru. 104688M.

Billi huma akkuzati talli fl-4 ta’ Novembru 2005 u fil-jiem u xhur ta’ qabel, fl-inhawi tal-Gudja, Hal Kirkop, Marsa, Bormla, u f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet xi haga misruqa jew mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqsu li jgharrfu lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk kienu saru jafu:

**Lil Omissis u Matthew Pace wehidhom:**

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz billi ffalsifikaw n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tal-marka **Ford Escort MK1** bin-numru tar-registrazzjoni originali **LAJ 316**, u cioe’ billi wahhlu numru tar-registrazzjoni **GAI 297** li hu falz u jappartjeni vettura differenti;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi ffalsifikaw n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tal-marka **Ford Escort MK1** bin-numru tar-registrazzjoni originali **LAJ 316**, u cioe’ billi wahhlu numru tar-registrazzjoni **GAI 297** li hu falz u jappartjeni vettura differenti;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saqu vettura tal-ghamla **Ford Escort MK1** li ghandha numru tar-registrazzjoni originali **LAJ 316**, minghajr il-licenzja tal-

Kummissarju tal-Pulizija jew ta l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saqu l-istess vettura minghajr ma kellhom licenzja specifikata biex isuqu l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienux koperti b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

**Lil Manwel Spiteri wahdu:**

Talli f'xi zmien bejn l-1 ta' Awissu 2005 u l-4 ta' Novembru 2005, fl-inhawi tal-Gudja u Hal Kirkop, ikkommetta serq ta' vettura tal-marka **Ford Escort MK1** bin-numru tar-registrazzjoni originali **LAJ 316**, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Gerald Pulis minn Rahal Gdid, ta' Jeffrey Pulis minn Hal Tarxien, u ta' Charles Bianco minn Birkirkara.

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' taghrif falz billi ffalsifika n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tal-marka **Ford Escort MK1** bin-numru tar-registrazzjoni originali **LAJ 316**, u cioe' billi wahhal numru tar-registrazzjoni falz u mhux maghruf, li jappartjeni vettura differenti;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi ffalsifika n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tal-marka **Ford Escort MK1** bin-numru tar-registrazzjoni originali **LAJ 316**, u cioe' billi wahhal numru tar-registrazzjoni falz u mhux maghruf, li jappartjeni vettura differenti;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla **Ford Escort MK1** li ghandha numru tar-registrazzjoni originali **LAJ 316**, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta l-Awtorita Dwar it-Transport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-

riskji ta’ terzi persuni, u dan meta kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza b’sentenza datata 9 ta’ Frar 2005 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), f’liema sentenza huwa kien gie misjub hati.

**Lil Manwel Spiteri u Matthew Pace wehidhom:**

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta’ izjed minn hamsin Lira Maltin (LM50) izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500), u cioe’ fl-imsemmija vettura tal-marka **Ford Escort MK1** bin-numru tar-registrazzjoni originali **LAJ 316**, ghad-detriment ta’ Gerald Pulis minn Rahal Gdid, ta’ Jeffrey Pulis minn Hal Tarxien, u ta’ Charles Bianco minn Birkirkara.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MPS1 u nnutat li l-imputati Matthew Pace u Manwel Spiteri m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati Matthew Pace u Manwel Spiteri iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati Matthew Pace u Manwel Spiteri bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati Matthew Pace u Manwel Spiteri wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li jikkonferma li meta sehhew ir-reati l-imputati

Matthew Pace u Manwel Spiteri kienu bhala eta' taht it-tmintax (18) il-sena.

Rat fil-konfront tal-imputat Matthew Pace l-artikoli 17, 31, 37, 334, 334A, 188, 189, 310 u 325 (b) tal-Kap. 9, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Matthew Pace, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-konfront tal-imsemmi imputat japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Matthew Pace ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 58.23) ammenda u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Matthew Pace jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rat fil-konfront tal-imputat Manwel Spiteri l-artikoli 17, 31. 37, 334, 334A, 325(b), 261 (b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 279, 280(2), 188 u 189 tal-Kap. 9, l-artikoli 15(1)(a)(3) u 59 tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Manwel Spiteri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-konfront tal-imsemmi imputat japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Manwel Spiteri ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u mitejn, tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Manwel Spiteri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputati Matthew Pace u Manwel Spiteri milli jkollhom jew milli jiksbu xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Matthew Pace u Manwel Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qrati ghall-obbligu tieghu taht l-artikolu 28(A) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------